MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2011

Numru. 323/2009

**Il-Pulizija**
**[Spettur Kevin J.Farrugia]**
**vs**
**Carmel Caruana**
**Raymond Farrugia**
**Luke Farrugia**

Kumpilazzjoni Numru 323/2009

**Illum, 22 ta’ Gunju 2011**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra

**Carmel Caruana**, ta’ 49 sena, iben Edward u Helen nee’ Borg, imwieled Pieta’ nhar id-09 ta’ Settembru, 1959 u residenti fil-fond numru 289, Rue D’Argens, Gzira u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 619359(M);

**Raymond Farrugia**, ta' 53 sena, iben Salvu u Emanuela nee' Borg, imwieled Birkirkara, nhar l-14 ta' April, 1956 u residenti fil-fond Esmeralda Court, Flat 5, Triq San Giljan, Birkirkara u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 285056(M); u

**Luke Farrugia**, ta' 21 sena, iben Raymond u Emanuela nee' Sciberras, imwieled Pieta' nhar is-07 ta' Marzu, 1988 u residenti fil-fond numru 6, Chalu, Triq l-Assemblea Nazzjonali, San Gwann u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 135288(M).

Akkuzati talli nhar it-13 ta' Marzu, 2009 ghall-habta ta' 20:50hrs, gewwa Pjazza Bertu Fenech, f'Hal Balzan u f'dawn il-Gzejjer Maltin:
1. Ikkagunaw feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Darryl Bruno, li ghandu numru tal-karta ta' l-identita bin-numru 1390(M), skond kif iccertifika Dr.Stephen Muscat M.D ta' l-Isptar Mater Dei.
2. Bil-lejl kisru l-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor.
3. Volontarjament kisru il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u dan ai terminu tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, giet mitluba ukoll illi f'kaz ta' sejbien ta' htija minbarra u/jew flimkien mal-piena applikabbli, tapplika fil-konfront tal-hatja garanzija tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-ordni ta' protezzjoni ai terminu tal-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel ordni ta' protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli 214, 216, 218, 338(m) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dawn il-proceduri jirreferu ghall-incident li sehh nhar it-13 ta’ Marzu 2009 meta argument bejn diversi persuni spicca f’glieda bejn l-imputati u Darryl Bruno; bhala rizultat ta’ din il-glieda Bruno u wiehed mill-imputati soffrew xi griehi.

Illi fil-kors tal-proceduri taw d-depozizzjoni taghhom ghadd ta’ persuni: l-parte leza Darryl Bruno, numru ta’ persuni li kienu mieghu fil-hin ta’l-incident, pulizija li kienu involuti f’l-investigazzjoni ta’ dan il-kaz, u t-tobba li rrilaxxjaw certifikati. Taw id-depozizzjoni taghhom ukoll l-imputati u l-espert nominat minn din il-Qorti li anke esebiexxa r-rapport relattiv.

Illi ghandu jinghad mill-ewwel li hemm kunflitt bejn dak li jghidu x-xhieda tal-prosekuzzjoni min-naha u dak li jghidu l-imputati min-naha l-ohra. Hemm anke xi diskrepanzi f’dak li jghidu x-xhieda tal-prosekuzzjoni. Minkejja dawn il-kunflitti u diskrepanzi, mill-kumpless tal-provi prodotti jirrizultaw ampjament diversi fatti.

Illi jirrizulta car li l-incident de quo nqala wara li qamet diskussjoni verbali bejn l-imputati Carmel Caruana u Raymond Farrugia min-naha u zewgt ihbieb ta’ Darryl Bruno min-naha l-ohra dwar xi dejn li dawn it-tnejn kellhom ma’l-imputati msemmija. Bruno resaq biex jikkalma s-sitwazzjoni pero minhabba li kellu flixkun ta’ l-inbid f’idejh l-imputat l-iehor Luke Farrugia haseb li dan ser juza l-flixkun kontra l-familjari tieghu u ghalhekk intervjena hu ukoll biex minghalih iwaqqaf lil Bruno; malli intervjena, hu u Bruno waqghu ma’l-art. Hekk kif waqghu bdew jissaraw ma’ xulxin, u meta raw hekk iz-zewg imputati l-ohra intervjenew huma ukoll f’dik li mbaghad zviluppat bhala rissa li pero rrizolvit ruhha fi ftit minuti.

Illi ghandu jigi rilevat li Luke Farrugia jghid li hu rreagixxa fil-konfront ta’ Bruno ghaliex kien Bruno li l-ewwel refa’

idejh billi tah daqqa bil-flixkun pero din il-verzjoni ma tistax titqies verosimili partikolarment meta wiehed jikkunsidra li hadd mix-xhieda l-ohra ma ra lil Bruno jaghti bil-flixkun li kien ilhu f’idejh minn qabel ma beda kwalunkwe disgwid bejn il-partijiet koncernati. Aktar minn hekk hadd mix-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni ma qal li f’xi hin raw lil Bruo jerfa’ idejh. In oltre z-zewg imputati Carmel Caruana u Raymond Farrugia ghalkemm jghidu li raw li Bruno kellu flixkun f’idejh u li f’xi hin raw lil Luke Farrugia u lil Bruno ma’l-art ma jafux x’gara biex dawn spiccaw ma’l-art imqabbdin f’xulxin; fil-fatt huma ma qalux li raw li Bruno jghati bil-flixkun.

Illi ghalhekk, u in vista tal-provi kollha prodotti, il-Qorti hija sodisfatta li l-avveniment graw kif sintetizzati aktar ‘l fuq.

Illi mill-provi prodotti pero ma jirrizultax minn ikkawza l-griehi fuq il-persuna ta’ Bruno fis-sens li tirrizulta d-dinamika ta’ l-incident pero ma jistax jigi stabbilit bhala rizultat ta’liema agir (da parti ta’ kull wiehed mill-imputati) Bruno soffra l-griehi li gew rappurtati.

Illi f’dan ir-rigward huwa stabbilit f’l-artikolu 237 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta li meta fi glieda accidentali xi hadd isoffri griehi u ma jkunx jista’ jigi stabbilit minn kien l-awtur ta’l-offiza kull wiehed li jkun ha parti attiva kontra l-offiz ghandu jirrispondi kif predispost f’dik l-imsemmija dispozizzjoni tal-Ligi. L-artikolu 237 mbaghad jistabilixxi piena differenti f’kaz ta’ htija a bazi tan-natura gravissima, gravi jew hafifa ta’l-offiza.

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta ampjament li Darryl Bruno sofra l-griehi elenkati fic-certifikat mediku esebiet a folio 18 tal-process; certifikat rilaxxjat mit-tabib li ezamina lil Bruno ftit wara l-incident. Dan ic-certifikat mhux biss jelenka l-griehi imma anke jiddiskrivihom bhala grava di natura. Mid-depozizzjoni tieghu mbaghad jirrizulta li t-tabib, Dr Stephen Muscat, klassifika l-griehi bhala gravi minhabba li Bruno kellu zewg sinniet ta’ quddiem mkissrin u li dan, skond hu, kien jikkostitwixxi *oggett permanenti u sfregju fil-wicc*.

Illi anke l-espert nominat minn din il-Qorti wasal ghall-istess konkluzzjoni u cioe li l-griehi sofferti minn Bruno huma ta' natura gravi ghalkemm ghal ragunijiet differenti. Skond il-Professur Hector Galea *il-feriti dentali li garrab Bruno saru gravi minhabba il-komplikazzjonijiet li jinkapacitawh, inaqqsulu mill-kwalita tal-hajja tieghu u li jnaqqsulu r-rezistenza ghall-mard, b'mod partikolari dik tal-halq. Jekk ma jierceviex kura ghall-hames sinniet involuti f'l-incident jista' jgarrab ugih u nfezzjonijiet li jistghu jwasslu ghall-qlugh taghhom*.

Illi pero l-konkluzzjoni ahharrija dwar in-natura jew klassifikazzjoni tal-griehi sofferti minn xi persuna, ghall-skopijiet ta' proceduri kriminali, tispetta lill-gudikant u mhux lit-tobba li jkunu ezaminaw lill-persuna koncernata, b'mod li l-Qorti tista tasal ghal konkluzzjoni differenti minn dik tat-tobba. Dan il-principju gie affermat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza Pulizija vs Francis Dingli (deciza 12.09.1996); hemm gie stabbilit li

*ghall-finijiet ta'l-artikolu 216 jekk hemmx sfegju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant … u dan kien perfettament intitolat li jasal ghal konkluzzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-Qorti.*

Illi ghalhekk, fil-kaz in ezami, jispetta lil din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni dwar in-natura tal-griehi, ai fini ta' responsabbilta kriminali, sofferti minn Bruno.

Illi dwar it-telf ta' snin il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ukoll kellha l-opportunita tippronunzja ruhha. Fil-kawza Pulizija vs Paul Spagnol (deciza ukoll 12.09.1996) il-Qorti qalet hekk:

*Huwa veru li s-snin mhux parti mill-wicc ghalkemm it-telf ta' hafna snin jista' jgib kemm sfegju kif ukoll mankament minhabba l-effett li jistghu jhallu fuq il-wicc u specjalment fuq ir-regjun tal-halq.*

Illi tenut kont tal-principji hawn fuq elenkati zgur ma jistax jinghad li bil-ksur ta' zewg sinniet Bruno soffra xi sfregju fil-wicc kif qed jissugerixxi it-tabib Stephen Muscat.

Lanqas pero ma jista’ jigi stabbilit li dak li ddeskriva l-Professur Hector Galea jista’ jikwadra ruhu f’wahda mill-ipotezi l-ohra elenkati f’l-artikolu 216. Ghalhekk il-Qorti trid bil-fors tasal ghall-konklulzzjoni li, ai fini ta’ reponsabbilta kriminali, il-feriti sofferti minn Bruno ghandhom jigu klassifikati bhala ta’ natura hafifa.

Illi ghar-ragunijiet suespost l-Qorti hija sodisfatta li t-tlett imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat gew sodisafcjentement pruvati fil-konfront tat-tlett imputati b’dan li ghal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni qed jinstabu hatja tar-reat minuri, kompriz u involut, ta’ offiza ta’ natura hafif fuq il-persuna ta’ Darryl Bruno u li peress li ma jistax jigi stabbilit minn kien l-awtur ta’l-offiza fuq l-imsemmi Darryl Bruno ghandu japplika fil-konfront tat-tlett imputati l-artikolu 237(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi li wasslu ghall-incident mertu ta’ dawn il-proceduri u l-fatt li tnejn mit-tlett imputazzjonijiet li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati huma ta’ natura kontravvenzjonali; hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fedina penali ta’l-imputati, li hija netta fil-kaz ta’ Luke Farrugia u kwazi netta fil-kaz taz-zewg imputati l-ohra.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 221, 237(d), 338(m) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputati hatja ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom b’dan li fir-rigward ta’l-ewwel imputazzjoni qed jinstabu hatja ta’ li kkawzaw offiza ta’ natura hafifa fuq Darryl Bruno u fil-waqt li b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tillibera lill-imputat Luke Farrugia bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur, tikkundannaha lill-imputati Carmelo Caruana u Raymond Farrugia ammenda ta’ hamsin Euro (€50.00) ghal kull wahda mit-tlett imputazzjonijiet.

Il-Qorti spjegat fi kliem ordinarja lill-imputat Luke Farrugia l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sitt xhur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------